MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 78/2010

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Steve Momoh Efosa, iben Momoh, imwieled il-Cameroon fit-18 ta’ Ġunju, 1986 Numru tal-Pulizija 06GG-004

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-31 ta’ Jannar, 2010 u fil-ġimgħat ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer –
1. xjentement għamel użu minn xi dokument iffalsifikat;
2. kien fil-pussess ta’ passport li hu kien jaf li huwa ffalsifikat u/jew sar tibdil fuqu;
3. mingħajr awtorita’ użat jew kien fil-pussess ta’ dokument iffalsifikat meħtieġ għal għanijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bui proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------